31990D0014

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-20 ta' Diċembru 1989
li tfassal lista ta' pajjiżi terzi mil-liema l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' semen friżat ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina

(90/14/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1988 li tippreskrivi l-ħtiġiet fis-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' *semen* friżat minn annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina [1], u partikolarment l-Artikolu 8 ta' dan;

Billi, sabiex titfassal lista ta' pajjiżi terzi mil-liema l-Istati Membri tista' tawtorizza importazzjoni ta' *semen*, huwa xieraq li jittieħed kont l-ewwel net tal-lista tal-pajjiżi terzi mil-liema l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' annimali tal-fart, it-tieni ta' pajjiżi terzi li jesportaw tradizzjonalment *semen* lill-Komunità u finalment ta' l-istat magħruf ta' saħħa ta' l-annimali ta' dawn il-pajjiżi;

Billi, waqt li jiġu rispettati l-limitazzjonijiet li joħorġu mill-adozzjoni tal-lista, importazzjonijiet ta' *semen* għandhom jibqgħu jiġu suġġetti għad-disposizzjonijiet nazzjonali rigward spezzjonijiet ta' saħħa u veterinarji sakemm u safejn m'humiex diġà suġġetti għal miżuri protettivi ta' saħħa Komunitarji;

Billi miżuri oħra tal-Komunità jibqgħu jiġu adottati rigward importazzjoni ta' *semen*; billi l-Kummissjoni qed tkompli x-xogħol ta' preparazzjoni ta' dawn il-miżuri b'veloċità meħtieġa; billi sadattant huwa neċessarju li jittieħed l-ewwel pass fit-tfassil ta' lista ta' pajjiżi terzi minn liema Stati Membri jawtorizzaw importazzjoni ta' *semen* sabiex jevitaw taħwid fil-kummerċ;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-importazzjoni ta' *semen* friżat ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina huwa permess biss minn dawk il-pajjiżi terzi li jidhru fil-lista ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 194, ta' tat-22.7.1988, pġ. 10.

ANNESS

Lista ta' pajjiżi terzi mil-liema l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *semen* friżat ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina

L-Awstralja	Polonja
L-Awstrija	Rumanija
Kanada	L-Isvezja
Ċekoslovakja	L-Isvizzera
Finlandja	Stati Uniti tal-Amerika
L-Ungerija	Jugoslavja
New Zealand	